MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar

**Laqgħa Numru 52 – 4 Leġislatura**

**l-Erbgħa ta' 25 ta'Marzu 2026**

Il-Kunsill Reġjonali fil-5.30 pm.

PREŻENTI FL-UFFIĊĊJU:

| | |
|---|---|
| President | Is-Sur Jesmond Aquilina |
| Sindku Ħal Għaxaq | Is-Sur Karl Boxall |
| Sindku Marsaxlokk | Is-Sur Steven Grech |
| Sindku Marsa | Is-Sur Luke Farrugia |
| Kunsillier B'Bugia | Is-Sur Darren Mark Debono |
| Kunsillier Zejtun | Is-Sur Christian Attard |
| Kunsillier Gudja | Is-Sinjura Maria Micallef Bailey |
| Kunsillier Marsaskala | Is-Sur Charlo Mifsud |
| Kunsillier Ħal-Luqa | Is-Sur Keith Bartolo |
| Kunsillier Ħal Qormi | Is-Sinjura Elke Sghendo |
| Kunsillier Ħamrun | Dr Antione Vassallo |

PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:

Ħadt

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Sindku John Schembri u Sindku Kapt Charmaine St John

ASSENTI

Sindku Gianluca Falzon

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Mariella Strout — Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Il-president is-Sur Jesmond Aquilina jippresjedi din il-laqgħa.

**52.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġija;**

52.1.1 Il-President informa li Sindku John Schembri u Sindku Kapt Charmaine St John informaw li kellhom il-laqgħa tal-Kunsill rispettivi tagħhom

**52.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

52.2.1 Il-President ressaq il-Minuti ta' tnejn u ħamsin (52) laqgħa tal-Kunsill Reġjonali għal din il-leġislatura, li ġew iċ-ċirkolati minn qabel tal-laqgħa.

52.2.2 Wara mozzjoni mressqa mil-President Jesmond Aquilina u s-sekondat Kunsillier Charlo Mifsud, il-membri tal-Kunsill Reġjonali approvaw b'mod unanimu il-minuti msemmija.

**52.2.3 Kunsiderazzjoni mill- Minuti**

52.2.3.1 Il-President qal li proġett ta' HENA kwiżż inbeda fejn saret l-ewwel logħba nhar 9 ta'Marzu 2026 fl-iskola primarja ta' Zejtun. Preżenti kien hemm Ono. Ministru għal Kultura u Gvern Lokali u Artijiet Owen Bonnici, President Jesmond Aquilina Sindku Joan Agius, Kap ta' L-iskola, Direttur
Ta' l-Arts Council, Segretarju Eżekuttiv ta' Reġjun, uffiċjal Maniġerjali tal-Kultura ta' Reġjun Jeanelle Camilleri, l-għalliema u Kordinaturi tal-Kwiżż Andreana Debattista u Melanie Kelly u l-protagonisti l-istudenti ta' l-iskola.

52.2.3.2 Il-President informa li proġett Caqlaq issa kien konkluż u l-attivitajiet li saru kien ta' suċċess speċjalment l-aħħar waħda li saret fil-Ġnien l-Għannejja fiz-Zejtun. Segretarju Eżekuttiv irringrazzjat li Kunsill ta' Zejtun tal-koperazzjoni f'diversi proġetti li qed issiru mir-Reġjun.

52.2.3.3 Il-President qal li saret l-attività relatata mal-Ġimgħa Imqaddsa b' koperazzjoni ma Dipartiment ta' L-Anzjanità Attiva. Huwa irringrazzja lil Kunsilliera Doris Zammit li flimkien ma Maniġer responsabbli tal-Kultura ħadu ħsieb jorganizzaw din l-attività. Għal din l-attività attendew 150 anzjan u anzjana min Ċentri madwar ir-Reġjun. Preżenti ukoll kien hemm Seg. Parl Malcom Paul Agius, President Jesmond Aquilina, Perm Sec. Dr. Renzo Degabriele. CEO Dr Agius, Sindku John Schembri, Kunsillier Andrew Cassar u Kunsillier Charlo Mifsud.

52.2.3.4 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li hemm kors iffinanzjat mil-Fondi ta' ESF u immexxi mil Diviżjoni għal fondi Ewropej tal-Gvern Lokali. Hija tenniet li Kunsilli ma joħorġu xejn għaliex kollox iffinanzjat min dan il-fond. Hemm korsijiet diversi hu huma interessanti u ta' tagħlim. Dawn miftuħin għal Sindki, Kunsilliera u l-istaff tal-Kunsilli Lokali.

**52.3 Komunikazzjoni mill-president**

52.3.1 Il-President qal li għalissa ma sarx l-ebda kommunikat ieħor rigward it-Tribunali għajr li nħarġet ċirkolari sabiex numru ta' dokumenti li ilhom fir-reġistru min qabel 2014 jiġu xredjati. Li staff ta' Tribunal ser jieħu ħsieb li jsirr dan ix-xogħol bl-għajnuna ta' staff tal-manutenzjoni ta' Reġjun

**52.3.2** Il-President qal li lift li kien fil binja amministrattiva nqala sabiex ix-xogħol tal-kostruzzjoni ikun jista' jinbeda.

Il-President informa li kuntrattur bagħat li stima (BOQ) ta' spiża sabiex titpoġġa torba fuq is-soqfa qabel ma jinbdew ix-xogħolijiet . L-ammont huwa ta' 230msq li tiswa 5,865 ewro . Is-Sindki u Delegati approvaw din l-ispiża li ma kienitx inkluża fil-BOQ ta' tender.

**52.4 Skeda ta' Pagamenti;**

**51.4.1** Il-President ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 03/26A-1 li ġew iċ-ċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa. Huwa fakkar li l-Kunsill kien qed iħallas l-arretrati li Reġjun kellu mal-Wastserv.

**52.4.2** Wara mozzjoni mressqa min proponent Kunsillier Elke Cassar Sghendo u sekondat mill-Kunsillier Charlo Mifsud

il-Kunsill Reġjonali approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti msemmija.

**52.5 Rapporti**

**52.5.1 Ma kienx hemm rapporti**

**52.6 Item: Laqgħat tal-Kunsill online**

Il-President informa li Dipartiment tal-Gvern Lokali bagħat kommunikat li Reġjun fejn indika li laqgħat statutorji tal-Kunsill għandhom ikunu m'xandra live għal pubbliku. Huwa tenna li peress li post li qedin fih bħalissa huwa temporanju ma kienx għaqli li jintefqu flus sabiex tindaħal sistema ġdida ta' *live streaming.* Madanakollu, il-Kunsill ser jara hemmx sistema oħra fejn il-laqgħa tiġi irrekordjata u tittella' online.

**52.6.1** Is-Sindki u Delegati preżenti qablu li laqgħa tiġi streamed live meta il-Kunsill ikollu sistema ġdida kif ukoll li tinstab sistema temporanja ta' rikording ta' laqgħat. F'sfond li l-Kunsill huwa obbligat bil-liġi sabiex jagħmel dan.

**52.7 Item: Animal Stewards-Ftehim għal Kuntratt Indefinit**

Il-President qal li Dipartiment tal-Gvern Lokali bagħat jinforma li Animal Stewards li hemm ingaġġati mal-Kunsilli Lokali kien ser jibdlilhom il-kuntratt tagħhom min wieħed fiss għal wieħed indefinit. Għalhekk ġie formulat MOU sabiex jiġi stabbiliet dan il-ftehim. Il-President tenna li Kunsilli Lokali kienu qed jagħmlu użu tajjeb mid-dedikazzjoni li għandu l-Animal Steward kurrenti li huwa ingaġġat ma Reġjun Nofsinhar, għalhekk ikun xieraq li Kunsill japprova dan l-MOU.

**52.7.1** Is-Sindki u Delegati preżenti qablu u approvaw li jiġi ffirmat dan il-ftehim

**52.8 Item: Attività Annwali- Reġjun Nofsinhar Kampjonat Tiġrijiet taż-żwiemel 2026**

Il-President irċieva kommunikat mingħand il-Kumitat ta' l-Equidrome fejn staqsew jekk il-Kunsill huwiex interessat li jerġa issir il-kampjonat ta' tiġrijiet. Huwa tenna li peress li kien hemm xi xogħolijiet fil-korsa għaddejjin matul ix-xitwa, it-tiġrija qed tiġi proposta li ssir il-Ġimgħa 8 ta' Mejju 2026 u il-konferenza stampa issir fi-29 ta' April 2026. Bħal ma sar fis-snin ta' qabel bħala parti mill-kollaborazzjoni ma l-Equidrome, il-Kunsill ser joħroġ 5,000 euro.

**52.8.1** Is-Sindki u Delegati preżenti approvaw il-proposta li jerġa issir il-Kampjonat ta' Zwiemel

**52.9 Affarijiet Oħra**

Il-President fakkar li uffiċjali Manigerjali ta' Reġjun kienu għaddejjin b'kampanja ta' tagħlim dwar l-iskart, f'EKO Hive kif ukoll fl-iskejjel ta' Reġjun.

**52.10 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li Jmiss;**

**52.10.1** Il-laqgħa ntemmet fis-7.00 pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Tlieta 28 ta'April 2026

Konfermati llum 28 ta'April 2026____________________

Jesmond Aquilina

President

Mariella Strout

Segretarju Eżekuttiv